MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1366/2003

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 17 ta' Dicembru 2003 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-
Illi l-attrici A izzewget lill-konvenut zewgha B fis-7 ta' Settembru 1989 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u markat Dok. "LC 1";

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizjat u mhux hieles peress li nkiseb bi vjolenza, sew fizika jew morali jew biza;

Illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt tal-att taz-zwieg;

Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-ligi;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg bejn il-partijiet tas-7 ta' Settembru 1989 fuq imsemmi huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi**;**

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fis-16 ta' Marzu 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-istess partijiet sabiex jipprezentaw x-xhieda kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata 26 ta' April, 2004 a fol. 12 tal-process fejn il-konvenut eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjent ma jopponix it-talba tal-attrici sabiex iz-zwieg taghhom jigi ddikjarat null izda zgur mhux ghal ragunijiet imputabbli lilu;

Rat il-lista tax-xhieda a fol 13 tal-process;

Rat in-nota datata 6 ta' Lulju 2004 li permezz taghha l-**attrici A**ipprezentat l-avvidavits **taghha stess** flimkien ma ta' **missierha Francis Sciberras**, u t'**ohtha Marisa Wright** a fol. 14 sa fol. 18;

Rat in-nota datata 12 ta' Lulju, 2004 li permezz taghha **l-attrici** pprezentat l-affidavit t'**ommha Mary Brigitte O'Flaherty** a fol. 20;

Rat ir-rikors datat 14 ta' Lulju 2004 fejn l-attrici **A** talbet li l-proceduri jsiru bil-lingwa Ingliza peress li hija ta' nazzjonalita' Ingliza;

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti fis-16 ta' Lulju 2004;

Rat in-noti tal-konvenut **Tony Cassar**, wahda datata 16 ta' Lulju 2004 u l-ohra datata 2 ta' Awissu 2004 li permezz taghhom irrizerva d-dritt ghal-kontro-ezami tax-xhieda pprezentata mill-attrici **A** fis-6 ta' Lulju 2004 u fit-12 ta' Lulju 2004 rispettivament;

Rat il-verbal tat-28 ta' Ottubru 2004 fejn il-kawza giet differita ghall-iskop tal-verbal precedenti anke peress li l-istess Qorti kienet indisposta;

Rat il-verbal datat 10 ta' Marzu 2005, fejn il-konvenut u d-diffensur tieghu Dr. B Ellul gew imsejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-Qorti appuntat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex izzomm zewg seduti biex jigu konkluzzi l-provi tal-partijiet.

Rat in-nota tal-attrici datat 30 ta' Marzu 2005, a fol. 30 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut datata 18 ta' April 2005, a fol. 31 tal-process fejn iddikjarat li ma' ghandhiex provi izjed.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia a fol. 32 tal-process fejn informa lill-Qorti li l-partijiet iddikjaraw li ma' ghandhomx provi izjed u l-kawza setghet tibqa' ghas-sentenza.

Rat il-verbal datat 9 ta' Gunju 2005 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2005.

Rat in-nota tal-konvenut, datata 18 ta' Gunju 2005, a fol. 34, li permezz taghha ddikjara li ma kellux provi izjed xi jressaq.

Rat li mis-seduti li nzammu quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia ma ingabru l-ebda prova u dan anke ghaliex il-partijiet ma' resqu l-ebda provi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici qed tippretendi li z-zwieg taghha tas-7 ta' Settembru 1989 huwa null u bla effett ghat-termini tal-**artikolu 19 (1) (a) u/jew (c) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** li jipprovdi li hemm kaz ta' nullita' taz-zwieg taht dawn id-disposizzjonijiet u cjoe':-

*"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(a) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bi vjolenza, sew fizika jew morali, jew biza'.*

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (a) tal-Kap 255** din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (Cit. Nru. 1019/98/RCP deciza fid-9 ta' Marzu, 2000) diga' kellha okkazjoni tistudja dan is-sub-artikolu ghal dak l-aktar li jirrigwarda biza' u ghalhekk din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess sentenzi u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi kif inghad fil-kaz **"Carmelo sive Charles Saliba vs Mary Saliba"** ( P.A. (VDG) deciza fl-14 ta' Awissu, 1995):-

*"… … biex pressjoni ndipendentement minn konsiderazzjonijiet ohra, tista` tinvalida l-kunsens matrimonjali, din il-pressjoni trid tammonta ghal vjolenza morali jew biza' esterna ta' natura irrezistibbli, cjoe` trid tkun pressjoni li ddeterminat kompletament l-ghoti ta' dak il-kunsens."*

Illi *inoltre* fis-sentenza **"Anna Magro apparentement mizzewga lil Victor Rizzo vs Victor Rizzo"** (P.A. (SBC) deciza fit-13 ta' Marzu 1984) saret espozizzjoni tal-kuncett ta' vjolenza u biza' f'din il-materja. L-espert f'dik il-kawza jsostni li sabiex vjolenza morali twassal ghal effett li jinvalida:-

*"trid tkun (i) ingusta, (ii) gravi, u (iii) determinanti."*

Illi fil-kaz **"Joseph d'Ugo vs Rita D'Ugo"** (P.A. (F.D.) 20 ta' Gunju 1994) inghad illi:-

*"Fl-ewwel lok il-biza' trid tkun gravi; fit-tieni lok, il-persuna li qed jesercitaha jrid ikun kapaci, presumevolment li jesegwixxi dak li jhedded li jaghmel; u fit-tielet lok il-biza' trid tkun motiv principali ghaliex il-persuna tasal li tizzewweg, biex tevita l-konsegwenzi tat-theddid".*

Illi wkoll, fil-kaz **"B Gatt vs Doreen Gatt"** (P.A. (F.D.) deciza fil-25 ta' Gunju, 1993), l-espert tal-Qorti fisser li:

*"… il-vjolenza morali trid tkun ta' natura tali li tkun invincibbli u ma taghti ebda possibilta` lil min ikun li jisfuggi minnha."*

Illi l-biza` tista` tkun ukoll "*reverenzjali*" bhal per ezempju l-biza` lejn genitur jew superjur. Fil-kaz **"Shirley Anne mart Abdul Fatah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. - 22 ta' Novembru,1982, ) il-Qorti spjegat:-

*"Il-biza` ta' nies li huma superjuri jew il-genituri tista' f'certi kazi tkun tali li taffetwa l-kunsens. B'dan mhux qed jigi ntiz, biza` fis-sens ta' suggizzjoni esagerata, imma trid tkun gravissima u ta' certa entita`. L-indinjazzjoni tal-genituri kbira kemm tkun kbira ma ghandhiex tigi konsiderata bhala gravi. Il-biza` li wiehed jitkecca mid-dar jew li jitlef xi wirt, jew li jsofri xi danni finanzjarji mhux bizzejjed. Izda jekk ikun hemm theddid, glied spiss, u minacci serji u gravi, dawn jistghu jaffetwaw il-persuni b'biza` li taqa' taht l-**artikolu 19 (a)**."*

Illi l-kunsens moghti taht l-effetti ta' vjolenza fizika jew morali, jew b'biza', m' huwiex kunsens hieles u ghalhekk ma jistax jitqies li hu validu biex jorbot il-parti konsensjenti.

Illi jigi wkoll osservat li l-**Att taz-Zwieg tan-1975** kien impona limitazzjoni ta' sena zmien, dekorribbi minn meta l-persuna li kienet tat il-kunsens vizzjat, tigi mehlusa mill-vjolenza (**artikolu 20 (c)**). Din ir-restrizzjoni applikabbli wkoll ghall-kaz ta' zball fuq l-identita' tal-persuna, giet skartata fl-emendi introdotti fis-sena 1981, b'rikonoxximent tan-natura essenzjali tal-kunsens matrimonjali bhala att kostituttiv taz-zwieg. Jekk il-kunsnes ma jkunx integru minhabba vizzju msemmi fil-Ligi, ma hemmx possibilta' li dan il-kunsens ikun jista' jigi sanat. Iz-zwieg jitqies *ab initio* null.

Illi bl-emendi tal-1981, il-biza' giet introdotta bhala vizzju ta' kunsens ghall-fini tan-nullita' taz-zwieg donnu b'zieda ghall-kuncett ta' vjolenza morali. Fil-fatt, ezami tal-gurisprudenza rotali turi li l-*"is animo illata"* jew *"moral coercion"* hu relattat mal-biza f'relazzjoni ta' kawza u

effett. Il-biza' hija l-effett tal-vjolenza. Izda id-dicitura tal-**artikolu 19 (1) (a)** thalli possibilta' li l-biza' tigi kkunsidrata bhala kap ta' nullita' apparti dak ta' vjolenza morali.

Illi ***G. Lesage*** jghid hekk:-

*"physical or moral violence is pressure exerted by an outside agent on a future spouse, in order to influence his or her actions. Fear is the effect which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse"* **(Brown – "Marriage Annulments"** London 1971 – **"Lorenza sive Laura Muscat vs Dr. Paul Micallef nomine"** (P.A. 17 ta' Frar 1988).

Illi ezami tad-dispozizzjonijiet tal-**Kodici Civili ta' Malta** huwa wkoll relevanti, tant li l-**artikolu 978 tal-Kap 16** jipprovdi li:-

*"(1) Il-kunsens jitqies mehud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li tahkem fuq persuna ragonevoli u ggieghlha tibza' li hija nfisha jew hwejjigha jistghu jigu mqieghda ghal xejn b'xejn f'perikolu ta' hsara kbira"*

*"(2) F'dawn il-kazijiet, ghandhom jitqiesu l-eta', is-sess, u l-kondizzjoni tal-persuna"*

Illi skond dan l-artikolu, il-vjolenza trid tkun daqshekk serja mhux biss li timpressjona *'persuna ragonevoli'* imma li l-hsara li ser tigi rekata tkun ingusta u gravi.

Illi **l-artikolu 980 tal-Kap 16** jiddistingwi bejn biza' u *"reverential fear"* li ma tkunx bizzejjed biex igib in-nullita' tal-att kontratwali. Ta' min josserva li, izda, l-**Kap 255** ma jaghmilx din id-distinzjoni u ma hemm xejn li jeskludi li *'biza reverenzjali'* jekk tkun gravi bizzejjed, milli tikkwalifika wkoll bhala vizzju tal-kunsens matrimonjali.

Illi kif kwotat mill-istess Perit Legali Dr. Lorraine Schembri Orland, fis-sentenza **"Mary Bilocca vs Gaetano Bilocca"** (P.A. (F.D.) 16 ta' Mejju 1990) vjolenza giet imfissra bhala *"a pressure exerted by an outside agent on a future spouse in order to influence his or her actions"* u

'biza' bhala *"the effect which force, whether physical or moral, induces in the mind of the future spouse".*

Illi fil-kaz **"Carmel sive Charles Camilleri vs Teresa Camilleri"** (P.A. (VGD) 3 ta' Ottubru 1995 gie sostnut li l-gravita' ta' vjolenza necessarja trid tigi ezaminata fil-kaz in kwistjoni tant li nghad li:-

*"La 'gravitas' e' dunque da riferirsi al 'metus' il quale va considerato nel particolare contesto soggettivo di caiscuna fattispecie. Si tratta, dunque di una qaulificazione che dev'essere ricostruita caso per caso dalla gurisprudenza. Il timore deve comunque essere considerato grave quando, dopo un'attenta valutazione delle circostanze del caso e sopratutto della personalita' del violentato, appare che, dal punto di vista di quest'ultimo, il matrimonio era da considerarsi l unico scampo per sfuggire il male minacciato. Di piu', e' sempre dalla parte del violentato la scelta matrimoniale deve apparire, per essere l'effetto di un 'metus' realmente grave, come un comportamento razionale, cioe' tale da potersi dire 'giustificato' in rapporto all'importanza di una deliberazione come quella di sposarsi, alla quale non ci sarebbe alrimenti decisi. Si deve anzi osservare a questo proposito che l'avversione al matrimonio costituisce almeno un indice sul quale la giurisprudenza rotale insiste molto, per poter ritenere la presenza di una violenza condizionale l'opzione matrimoniale causata da uno stato di grave timore".*

Illi **J.F. Castano** jispjega l-biza' reverenzjali b'dan il-mod:-

*"oggettivamente il metus reverentialis non e' grave, ma a causa di diverse circostanze si puo' convertire in metus gravis per una determinata persona. Gli autori e le sentenze ricordano alcuna di queste circostanze come ad esempio: la vergogna naturale di disobbedire ai genitori, il timore di rcare un dispiacere ai mediesimi, la paura di provocare una irritazione magari passeggere agli stessi genitori"* tant li *"il timore reverziale causato da persone a cui il soggetto che lo subisce e' legato con speciali vincoli di sangue, di affetto, di gratutudine, di venerazione, o di*

*sudditanza, a ragione di ufficio o lavoro. Il male immininente o probabile che essa intende evitare non e' costuito solo dal pericolo di perdere l'eredita', l'affetto, il lavoro, di essere cacciato fuori di casa, di essere esposta all'imfamia se si tratta di ragazza madre, ma anche il solo fatto di procurare ai suoi genitori o familiari o superiori, per la mancata adesione alla loro volonta' 'dispiacere' o 'indignazione'.* L-istess awtur jghid li l-mod kif id-dispjacir jew indinjazzjoni jigu manifestati, per ezempju, skiet, dak li tissejjah bhala *'freddezza'* jew bruda, theddid jew rimproveri, fihom infushom m' humiex gravi *"pero' lo possono essere nella situazione concreta divenuta impossibile. Per porre fine a questa situazione, persona che' ne' e' vittima, si arrende alla volonta' altrui accettando le nozze come unica strada di uscita con una scelta senza piena autonomia"* **(Castano "Il Sacrimento del Matrimonio"** pg. 398).

Illi l-attrici tissottometti wkoll illi z-zwieg bejnha u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null *inter alia* a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (c) tal-Kap 255** li jghid:-

**19 (1).** "*B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

*(c) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga".*

Illi element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li jfixkel serjament il-hajja mizzewga, u huwa mmaterjali jekk tali qerq jorigina minn naha l-ohra jew minn terzi persuni, ghaliex li huwa mportanti u determinanti huwa li l-qerq ikun sar sabiex jahbi xi kondizzjoni, fatt, jew element serju fuq il-persuna jew il-hajja ta' wiehed mill-konjugi li jkun tali li jista' jaghti lok ghal disgwid serju ghal *consortium vitae* tant necessarju ghall-hajja mizzewga.

Illi fil-fatt ***George V. Lobo*** f'**"The New Marriage Law"** jghid li *"As t. J. Green puts it: "The basic issue is not so much the fraud but rather the presence of a factor*

*significantly disturbing the ‘consortuim vitae…..if one judges from a contractualist perspective, fraud is juridically significanty since the law seeks to protect one party from the machinations of the other distorting the agreement. However, from a personalist standpoint, the real issue is the disturbance of the ‘consortuim vitae’ and the source of the error is juridically irrelevant”.*

Illi wkoll il-legislatur Malti llimita l-qerq fuq *“xi kwalita tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga”.* Din il-kawzali giet ikkonsidrata minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **“John Borg vs Paula sive Polly Borg”** (P.A. (VDG) 22 ta’ Mejju 1995 – Cit. Nru. 591/94/VDG) fejn gie osservat li:-

*“kieku dak il-**paragrafu 19 (1) (c)** gie formulat b’mod differenti, wiehed ikun jista’ jghid li japplika ghaz-zwieg civili l-**art.981 tal-Kodici Civili** li evidentement hu aktar wiesgha fil-portata tieghu. Il-legislatur Malti, izda, ghazel li jillimita l-qerq, bhala kawza ta’ nullita` ta’ zwieg, ghall-qerq dwar dawk il-kwalitajiet, oggettivament gravi, li jincidu fuq l-essenza, il-propjetajiet u l-ghanijiet taz-zwieg”.*

*“The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality* **must be** *objectively grave and establishes the partneship of conjugal life as an objective point of reference for the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, proeprties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial”. (***Viladrich P.J. Matrimonial Consent. Code of Canon Law Annot. –** Caparros, E. et al. Ed) 1993, Wilson and Lafleur, Montreal).

Illi l-Qrati taghna, nkluz fis-sentenza **“Carmelo Mifsud vs Anna Mifsud nee’ Ignacakova”** (P.A. (RCP) 13 ta’ Novembru 2002), dejjem sostnew li z-zwieg ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk wahda mill-partijiet taghti l-

kunsens taghha ghax tkun giet imqarqa jew mill-parti l-ohra jew minn xi haddiehor dwar xi kwalita tal-parti l-ohra **("Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et"** (P.A. 22 ta Novembru 1982). Skond il-gurisprudenza fuq citata, element importanti ta' dan is-subartikolu hu li l-qerq irid ikun serju bizzejjed li fixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi l-istess attrici tghid li z-zwieg bejn il-partijiet kien null anke abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jipprovdi li z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Emanuel Walter Vella vs Mona Lisa Vella"** (P.A. (RCP) – l-1 t'Ottubru 2002 - Cit Nru 801/96/RPC) il-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions responsibly. A person must possess a critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly."*

*"Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from 'aementia', not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …"*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in **'L'immaturite' et le consentement matrimonial*"*** (pg. 54-55) jghid is-segwenti:-

*"The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple's equilibrium, the relation of behavioural disorders to the 'ius in corpus' and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life."*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar, 2000); **"B Gallo vs Dr. B Cutajar et nomine"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002); **"Ali Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002); **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002); **"Romina Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati. Diversi sentenzi ohra minn dakinhar kollha kkonfermaw l-istess principji.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti espozizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgement] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring. (**Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial**

**Consent in Code of Canon Law Annotated”** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta’ Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*“Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta’ definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma “the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”.* (***Viladrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi fil-fatt dan ifisser li dak li ghandu jwassal lill-partijiet sabiex jaghtu l-kunsens taghhom taz-zwieg ma’ huwa xejn hlief dak li gie deskritt fil-kawza fl-ismijiet **“Mary Mustefa Al Muhamed vs Mustefa Mustefa Al Muhammed”** (P.A. (NA) 27 ta’ Lulju 1999) fejn inghad li:-

*“Fil-kawza **“Haidin vs Haidin”** (PA. (Q.K) 7 ta’ Lulju 1994), il-Qorti qalet illi m’ghandu jkun hemm ebda motivazzjoni li iggieghel persuna tersaq ghaz-zwieg ghajr l-imhabba lejn persuna ohra w ix-xewqa li tqatta’ l-kumplament ta’ hajjitha fil-kumpanija taghha. Fiz-zwieg wiehed irid ikun lest li jaghtiha t-totalita’ tieghu nnifsu esklussivament lill-persuna l-ohra, u din l-ghotja trid tkun*

*mhux biss reciproka izda motivata bi hsieb genwin li vermament ikun irid johloq 'a partnership for life'.*

Illi dan iwassal sabiex minn diversi esposizzjonijiet tal-gurisprudenza vasta u nostrana, jista' jinghad illi d-dmirijiet u drittijiet tal-mizzewgin fiz-zwieg huma dawk li komunament wiehed jistenna fi zwieg normali fis-socjeta' taghna, u dan minkejja li l-ligi qatt ma' taghti definizzjoni ta' l-istess. Fost dawn, wiehed isemmi l-fedelta` u l-assistenza, l-unita` u l-indissolubbilta' taz-zwieg, il-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-*'communio vitae'.* Fil-kawza **"Micallef vs Micallef'** (deciza fl-4 ta' Mejju 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili) gie riaffermat illi *"element essenzjali tal-hajja mizzewga skond il-ligi taghna huwa d-dritt tal-mizzewgin ghall-komunjoni tal-hajja ('communio vitae') bejniethom".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn, li ghalihom qed issir ukoll riferenza.

Illi fl-ahharnett l-attrici tirreferi ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** fejn dan l-artikolu jipprovdi li hemm nullita' taz-zwieg:-

*"(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi dan is-sub-artikolu jikkonsidra kemm is-simulazzjoni totali *('colorem habens, substantiam vero nullam')* kif ukoll dak parzjali *('colorem habens, substantiam vero alteram')* tal-kunsens.

Illi rigward it-tifsira tal-frazi *"eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu"*, jew kif maghruf ukoll bhala simulazzjoni totali, l-Qorti fil-kawza **"Bonnici vs Bonnici"** (P.A. 30 ta' Lulju 1982) qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali jrid jigi ppruvat li l-'*finis operis'* taz-zwieg gie effettivament eskluz mill-vera rieda ta' parti jew ohra, ghalkemm formalment tkun sehhet ic-celebrazzjoni taz-zwieg.

Illi fis-sentenza **"Cali' vs Dr. Albert S. Grech *nomine"*.** (P.A. 22 ta' Gunju 1988) il-Qorti qalet illi jekk tmur ghac-cerimonja tat-tieg u nternament tissostitwixxi l-ideat tieghek fuq x'inhu zwieg jew inkella xort'ohra teskludi l-veru kuncett taz-zwieg, hi forma ta' simulazzjoni totali. Fid-decizjoni **"Galea vs Walsh"** (P.A. 30 ta' Marzu 1995) il-Qorti spjegat simulazzjoni bhala *"meta l-atti, gesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux ghall-kunsens intern li jkun inghata".* Illi fis-sentenza **"Muscat vs Borg Grech"** (P.A. 14 ta' Awissu 1995) gie spjegat il-kuncett ta' simulazzjoni b'dawn il-kliem:-

*"Ghalhekk min esternament ikun wera li qed jaghti l-kunsens matrimonjali izda jkun internament u b'att pozittiv tal-volonta' tieghu qed jichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg ikun qed jissimula l-kunsens tieghu".*

Illi kif gie nsenjat fid-decizjoni fl-ismijiet **"Francesco Teuma vs Luigi Camilleri et",** (K. l-1 ta' Ottubru 1884 - Vol. X p.912):-

*"a poter dedursi la invalidita' dell'atto e' necessario che risulti chiaro, che cio' che si contrattava non era la yenta,*

*ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falsi pro vero".*

Illi fil-kawza **"B  Gallo vs Dr. B  Cutajar *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Mejju 2002) inghad li *"meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill--elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero' bl-att tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn filwaqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

Illi fil-fatt din il-Qorti kkonfermat l-istess imsemmija interpretazzjoni tant li fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002 gie ribadit li *"wiehed jinnota li taht l-***artikolu 19 (1) (f)** *trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma ta' l-kunsens tieghu kien gja' mentalment dispost li ma jottemprax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".*

Illi fil-fatt ghal dak li jolqot il-kuncett ta' *"l-eskluzjoni pozittiva ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga"*, u cjoe' simulazzjoni parzjali, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **"Abdel Wahed vs Dr. Yana Micallef Stafrace et"** (P.A. (NA) 14 ta' Lulju 1994) elenkat l-elementi essenzjali taz-zwieg bhala li jikkonsistu fil-*"kommunjoni tal-hajja konjugali, l-indissolubbilta' tar-rabta taz-zwieg, id-dritt ghall-fedelta' u d-dritt ghall-prokreazzjoni ta' l-ulied"*. L-istess elementi gew ikkonfermati wkoll fil-kawza **"Aquilina vs Aquilina"** (P.A. (NA) 30 ta' Jannar 1991) u fis-sentenza **"Grech vs Grech"** (P.A. (NA) 9 ta' Ottubru 1990). Dawn huma wkoll l-elementi fil-ligi kanonika.

Illi l-komunjoni tal-hajja konjugali u l-*'consortium vitae'* tikkomprendi zewg elementi, u cjoe' l-imhabba konjugali u r-responsabbilita` tal-familja. Kif qalet il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-decizjoni **"Magri vs Magri"** (14 ta' Lulju 1994):-

*"Jekk din il-'consortium vitae' hija nieqsa, l-oggett innifsu tal-kunsens taz-zwieg huwa wkoll nieqes. Din il-'consortium vitae' tikkomprendi zewg elementi li huma l-imhabba konjugali u r-responsabbilta' tal-familja."*

Illi fil-fatt l-element ta' l-indissolubbilta` taz-zwieg jehtieg li l-kunsens ikun ibbazat fuq rabta dejjiema bejn ragel u mara wahda, mibnija fuq il-fedelta` u formazzjoni tal-familja. Il-ligi Maltija tippresupponi *'iuris tantum'* dan l-element ta' indissolubbilta' fiz-zwieg.

Illi intant u f'dan il-kuntest **J*. Edwards Hudson*** (pg. 164-165), jispjega car li: *"indissolubility can be excluded from consent in two different ways: either because the spouse, knowing the true nature of marriage, nevertheless contracts with the understanding that he will have the option of dissolving the bond and recovering his former free status, or because the spouse formulates his own doctrine on marriage, from which the idea of indissolubility is absent and to which he adheres totally with both intelligence and will power".*

Illi wkoll, ***D.J. Burns*****,** fil-kummentarju tieghu (**"Matrimonial Indissolubility: Contrary Conditions - A Historical Synopsis and Commentary".** pg.151) jghid li *"it is not necessary that this intention* (i.e. li teskludi l-indissolubbilta') *was formulated as an express agreement, it can be inferred either from an explicit declaration of one or both parties, or consequent on certain words or actions implying that effect, or as a result of the narration of the circumstances of the contract."*

Illi hawn ukoll il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad fis-sentenza **"Sharon Lanzon mart Francis Attard vs Francis Attard"** (P.A. (RCP) 15 ta' Marzu 2000) u cjoe':-

*"Meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed minnhom, allavolja huwa kapaci li jaghti kunsens validu taz-zwieg, pero' fl-atti tieghu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-omissjoni tieghu eskluda a priori certu obbligi essenzjali tal-hajja mizzewga, cjoe' ssimula l-kunsens tieghu totalment fejn eskluda a priori z-zwieg, jew inkella fejn waqt li l-kunsens hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali".*

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fis-7 ta' Settembru 1989 u jidher li dan iz-zwieg kien wiehed fejn il-partijiet dahhlu ghalih b'sens ta' immaturita' gravi u dan peress li qatt ma' rrifletew dwar l-elementi essenzjali taz-zwieg u l-obbligi li kull koppja li tidhol ghal din l-unjoni jkollha mhux biss tifhem u taccetta, izda li timpenja ruhha ghall-istess.

Illi jidher car li l-partijiet ghagglu sabiex dahhlu ghal dan iz-zwieg minghajr ma' kienu f'posizzjoni li jifhmu l-impenn li kienu dehlin ghalih, inkluz il-kuncett ta' indissolubilita' taz-zwieg u l-accettazzjoni ta' l-elementi essenzjali taz-zwieg fosthom il-fedelta` u l-assistenza, l-unita` fiz-zwieg tal-koppja bhala familja, l-hajja komuni flimkien, id-dritt u d-dmir illi jittiehdu decizjonijiet flimkien intizi fl-ahjar interess tal-familja w il-prokreazzjoni ta' l-ulied. Il-hajja mizzewga timporta li l-mizzewgin jaqsmu kollox flimkien u li jkunu ta' ghajnuna u ta' assistenza lil xulxin, b'impenn shih a favur ta' xulxin u taz-zwieg taghhom l-element tal-*'communio vitae'* u dan l-impenn huwa wiehed li ma' jithassarx u permanenti u li jibqa' jezisti ghall-hajja kollha tal-mara u tar-ragel.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jidher li l-istess koppja poggiet lilha nfisha f'sitwazzjoni li fil-mument tal-kunsens taz-zwieg huma kienu inkapaci li jifhmu jew japprezzaw l-istess u wisq inqas ghalhekk li jimpenjaw u jaddettaw ruhhom ghal l-istess u dan minhabba l-ghagla li l-istess

partijiet dahhlu ghal dan is-suppost zwieg, ghaggla li lanqas ippermettitilhom li jkun jafu lil xulxin qabel iz-zwieg.

Illi fil-fatt jidher li l-inkwiet bejn il-koppja beda mill-ewwel, l-iktar ghaliex il-konvenut baqa' jghix qisu ghal rasu, fejn kien iqatta' hafna hin jew ix-xoghol jew johrog wahdu bl-attrici imhollija wahedha d-dar jew ghand il-genituri tieghu. Din kienet iktar iebsa peress li l-attrici kellha l-genituri taghha l-Ingilterra. Din is-sitwazzjoni ta' distakk totali bla ebda element ta' *consortium vitae* jidher li aggravat ruhha meta l-koppja ma' kellhiex tfal, tant li wara dan jidher li r-relazzjoni li kien hemm bejn il-partijiet iddisintegrat ghal kollox; din ma' hija ta' l-ebda sorpriza fic-cirkostanzi peress li din ir-relazzjoni jidher li giet mibnija fuq ir-ramel; infatti ghalkemm l-prokreazzjoni ta' l-ulied hija wahda mill-elementi essenzjali taz-zwieg, l-fatt li koppja ma' jkollhiex tfal ma jfissirx li allura kull obbligu u element essenzjali taz-zwieg jaqa' u jispicca. Dan kollu, ghaliex l-elementi essenzjali taz-zwieg huma diversi bhal u inkluz dak ta' fedelta', permanenza u indissolubilita' taz-zwieg u l-prokreazzjoni ta' l-ulied hija wiehed biss minn dawn l-elementi; fuq kollox dan lanqas ifisser li ghandu jkun hemm bilfors wild ghall-validita' taz-zwieg izda biss li l-unjoni taz-zwieg ghandha tkun immirata wkoll ghall prokreazzjoni ta' l-ulied, liema element ghandu jigi attivament segwiet u certament mhux innegat.

Illi ghalhekk wara dan din ir-relazzjoni ddisintegrat u jidher li l-koppja llum hija separata u kull parti ghandha jew kellha relazzjoni ma' persuna minkejja l-fatt li adottaw tifla. L-attrici fil-fatt tghid li l-konvenut ghandu u jghix ma' habiba, waqt li hija ghandha tarbija minn relazzjoni ma' ragel iehor u jidher li l-konfrontazzjoni bejn il-partijiet inkredibilment ghada sejra sallum, b'dan li din il-Qorti thoss li l-partijiet jirrizulta li kellhom il-kunsens taghhom vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** minhabba nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq l-elementi essenzjali ta' l-istess.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg bejn il-partijiet tas-7 ta' Settembru 1989 fuq imsemmi huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi senjatament ghaliex il-kunsens ta' kull parti kien vizzjat abbazi ta' **l-artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------